

Folla numeruża ta' lajċi nsara tattendi għall-Manifestazzjoni Marjana f'Marsalforn.

# Kampanja Djoċesana favur Ambjent Moralment Nadif

Fl-egħluq ta' kampanja djoċesana favur ambjent moralment nadif, nhar it-Tlieta 22 ta' Lulju, fis-7.30 ta' filgħaxija, f'Marsalforn, Mons Isqof Mario Grech mexxa quddiesa konċelebrata flimkien ma' numru sabiħ ta' saċerdoti mid-Djoċesi. Il-funzjoni kienet tinkludi wkoll it-talba tar-Rużarju qabel il-quddiesa. Għall-funzjoni attendew folla numeruża ta' lajċi nsara. L-animazzjoni tal-kant kienet f'idejn il-kor *Voci Angeliche*, tal-Parroċċa tax-Xagħra. Mons Isqof għamel omelija marbuta mal-qari tal-Evanġelju tal-ġurnata, fit-tifkira ta' Santa Marija Maddalena.

Fid-diskors tiegħu Mons. Isqof qal illi anke llum Kristu huwa assenti mill-qlub tal-bnedmin. "…Qalb li tobgħod, li tnissel firda, li mhix lesta li taħfer hija qalb vojta minn Kristu. Forsi Kristu huwa assenti ukoll mill-qlub ta' dawk li rċevew is-sagrament tal-magħmudija, ta' dawk li rċevew is-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof.

"Qalbna tuġgħana meta naraw li Kristu huwa assenti mhux biss fid-dinja lajka li hija maħkuma mill-ispirtu pagan, imma xi drabi anke fil-komunità nisranija. F'ċelebrazzjoni bħal din tagħna, nistaqsi: aħna verament nemmnu x'inhi l-Ewkaristija? Nemmnu li l-Ewkaristija hija l-preżenza reali ta' Kristu bid-divinità u bl-umanità tiegħu? Kristu huwa preżenti f'kull azzjoni liturġika li tiċċelebra l-komunità nisranija. Jekk tassew nemmnu li fl-Ewkaristija u fl-azzjoni liturġika tal-Knisja hemm il-preżenza ta' Kristu, allura dawn qatt ma għandna nużawhom bħala pretest biex inwasslu messaġġ, jekk mhux dak ta' Kristu! Qatt ma nistgħu nittolleraw li dak li għandu jkun espressjoni ta' l-għaqda bejn Kristu u l-komunità nisranija, ninqdew bih biex naffermaw il-firda!

"Kristu huwa assenti minn fost diversi familji tagħna – familji li jagħmlu minn kollox biex jinawguraw l-esperjenza tal-ħajja miżżewġa proprju bis-sagrament taż-żwieġ. Aħna nemmnu jew ma nemmnux li fis-sagrament hemm il-preżenza ta' Kristu, u li l-għarajjes jiċċelebraw u jissiġillaw l-imħabba li għandhom għal xulxin proprju fil-preżenza ta' Kristu ħalli jqaddishom f'dan is-sagrament? M'għandhiex tuġgħana qalbna meta naraw li Kristu huwa assenti minn din il-"Knisja ċkejkna", minn dan is-santwarju tal-familja?"

Hu u jitkellem fuq Marija ta' Magdala, Mons. Isqof Grech qal illi Marija ta' Magdala tibki mhux biss għax tara li l-ġisem fiżiku ta' Kristu mhuwiex hemm fil-qabar, imma tibki kull x'ħin tara l-bniedem ibati. Għaliex f'kull bniedem aħna naraw lil Kristu. Hu stess jgħidilna li "kulma tagħmlu ma' l-iċken minn dawn ħuti tkunu tagħmluh miegħi". Meta lil Kristu staqsewh: "Meta kont għarwien u ma libbisniekx, meta kont bil-għatx u ma sqejniekx, meta kont fil-ħabs u ma ġejniex inżuruk?", Ġesù wieġeb li dak kollu li aħna nagħmlu ma' l-iċken wieħed fostna, inkunu nagħmluh miegħu. Kull bniedem huwa ħolqien ta' Alla u mifdi minn Kristu. Għalhekk kull fejn hemm xi forma jew oħra ta' tbatija, hemm Kristu jbati.

Mons. Isqof imbagħad ħeġġeġ lil dawk preżenti sabiex jitolbu għal dawk li għaddejjin minn mumenti ibsin minħabba xi traġedja fil-familja, fosthom il-familji ta' Marsaxlokk li ġarrbu t-telfien tal-għeżież tagħhom. F'dan in-niket hemm mhux familja jew tnejn, imma hemm komunità sħiħa tbati. "Huwa fid-dmir tagħna li niftakru fihom u f'kull min qiegħed ibati. Ma nistgħux nibqgħu assenti u indifferenti quddiem it-tbatija umana".

Imbagħad Mons. Isqof għadda biex isemmi lil dawk il-persuni li qed ibatu minħabba t-tifrik tal-familja. "…jiġuni f'moħħi dawk il-familji fejn parti jew oħra, mingħajr l-ebda raġuni serja u valida, taqbad u titlaq lill-parti l-oħra u tħalliha weħidha. Niftakar f'dawk l-ulied, partikularment dawk żgħar, ta' koppji separati. Niftakar f'dawk il-ġenituri-nanniet li jsofru għax qed jassistu għad-dramma taż-żwiġijiet falluti ta' wliedhom. Dawn huma s-sofferenzi ta' Kristu llum, u bħal Marija ta' Magdala aħna għandna nħossu għalihom."

Mons Isqof tkellem ukoll dwar il-pjaga ta' l-indiċenza fil-kliem, fl-atteġġjamenti u fl-ilbies. "…aħna nemmnu li l-persuna għandha d-dinjità tagħha mhux biss bħala bniedem imma wkoll għax hija "tempju ta' l-Ispirtu". "Nemmnu li dan il-ġisem għad jirxoxta, u għalhekk nirrispettawh u nitolbu li jiġi rrispettat kemm fil-privat u iktar u iktar fil-pubbliku".

Mons. Isqof temm id-diskors tiegħu billi wera l-imħabba tal-ġenn li Kristu għandu għal kull persuna u ħabbar illi f'dawn il-ġimgħat il-Knisja f'Għawdex qed titħejja biex tinawgura l-Missjoni Djoċesana.

Fi tmiem il-quddiesa Mons Isqof ippreżenta żewġ għotjiet ta' €7000 l-waħda lil żewġ missjunarji Għawdxin: Dun Salv Vella mix-Xewkija (li jaħdem il-Brażil) u lit-Tabib, Dun Raymond Portelli min-Nadur (li jaħdem il-Perù). Dawn l-għotjiet ta' flus inġabru mis-semmiegħa tal-programm ta' l-RTK "Nisimgħek", li Dun Ġorġ Bezzina jmexxi kull nhar ta' Ħadd filgħaxija mill-istudjos f'Għawdex. Din il-kampanja ta' karità, li ssir matul ir-Randan għall-ħtiġijiet tad-Djoċesi ta' Għawdex, ilha ssir għal diversi snin u ġew mgħejjunin diversi missjunarji Għawdxin kif ukoll istituzzjonijiet djoċesani. Matul is-snin minn din il-kampanja nġabret is-somma ta' aktar minn Lm60,000 (€139,762).



Il-kor *Voci Angeliche*, taħt id-direzzjoni ta' Grace Vella, waqt il-Manifestazzjoni Marjana.

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





*Dun Ġorġ Bezzina (xellug) jidher jippreżenta żewġ ċekkijiet ta' €7000-il wieħed, lill-Mons. Isqof Mario Grech, liema għotjiet ta' flus inġabru mis-semmiegħa tal-programm ta' l-RTK "Nisimgħek", li Dun Ġorġ Bezzina jmexxi kull nhar ta' Ħadd.*



*Mons Isqof jidher jippreżenta ż-żewġ għotjiet ta' €7000-il wieħed, lil żewġ missjunarji Għawdxin. Dun Salv Vella mix-Xewkija, li jagħmel ħidma missjunarja fil-Brażil, u li fir-ritratt jidher ħdejn Mons. Isqof u lit-Tabib, Dun Raymond Portelli min-Nadur, li hu Missjunarju fil-Perù, u li fl-assenza tiegħu irċevihom ħuh, Dun Karm.*

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott -** *Hard Cover*




Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***